# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-15 ta' Novembru 2021

**Rikors Numru : 561/2018 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**KB**

**Vs**

**CM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' KB, datat 27 ta' Diċembru 2018, a fol 1 et seqq tal-proċess, fejn din ippremettiet hekk:

*Illi l-esponenti iżżewweġ lil CM nhar it-tlettax (13) ta' Jannar, tas-sena elf disgħa mija u ħamsa u disgħin (1995) ġewwa l-Paroċċa ta' San Ġorġ Ħal Qormi (ċertifikat taż-żwieġ esebit, anness u mmarkat Dok A);*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella nhar l-għaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002), kutnratt esebit, anness u immarkat Dok B;*

*Illi miż-żwieġ ta' bejn il-partijiet twieldu żewġt itfal, SB u CB, aħwa B, illum it-tnejn maġorenni u għalhekk ebda manteniment ma hu dovut (vide paġna tnejn (2) tal-kuntratt ta' separazzjoni anness, klawsola numru sitta (6) (vide. Dok B);*

*Illi ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-konjugi kif tixhed klawsola numru tlieta (3) paġna tnejn (2) tal-kuntratt ta' separazzjoni (vide Dok B);*

*Illi għaddew aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, tant illi kull waħda mill-*

*partijiet tgħix ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi għalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet skont l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti KB jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet.*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti datata 20 ta' Novembru 2019 (fol 29) li permezz taghha il-Qorti cahdet it-talba tal-intimata ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja;

Rat l-ordni ta' sfilz tar-risposta tal-intimata skont l-istess sentenza datata 20 ta' Novembru 2019;

Semghet ix-xhieda bil-gurament u rat ix-xhieda ippreżentata bil-proċedura tal-affidavit;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66C u 66 D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

KB xehed (fol 38) li huwa iżżewweġ lil CM fit-13 ta' Jannar 1995 u li l-partijiet isseparaw fl-2002. Xehed li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, illum maggorenni, u it-tnejn jaħdmu. Xehed li huwa kien iħallas manteniment ta' ħmistax-il lira Maltin kull wild fil-ġimgħa, jew mija u għoxrin lira Maltin fix-xahar. Xehed ukoll li darba kellu kawża kriminali waħda rigwardanti manteniment, li pero sussegwentament tħallas.

Maria McNamara xehdet bil-proċedura tal-affidavit (fol 49) li CB spiċċa skola fis-sena skolastika

2012/2013 waqt li SB spiċċa l-iskola fis-sena skolastika 2010/2011.

Joseph Saliba, rapprezentant ta' JobsPlus xehed (fol 62) li SB beda jaħdem fl-2013 waqt li CB beda jaħdem fl-2015.

Joyce Agius xehdet (fol 75) li kien hemm charge sheet fil-konfront tar-rikorrenti li tħalliet sine die. Ippreżentat ukoll ittra elettronika li turi li ma hemm l-ebda kawża fil-konfront tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Illi r-Rikorrenti iżżewweġ lil CM nhar it-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elf disgħa mija u ħamsa u disgħin (1995) ġewwa l-Paroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi (ċertifikat taż-żwieġ esebit u immarkat Dok A, fol 3). Illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fl-10 ta' Ottubru 2002 (dok B , fol 4). Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, illum it-tnejn maġġorenni u t-tnejn f'impjieg. Il-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Nicholas Vella datat 10 ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn - dok B fol 4. Ir-Rikorrenti iddikjara i ma hemmx tama ghal rikonciljazzjoni.

L-intimata hija kontumaci.

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elf disgħa mija u ħamsa u disgħin (1995) – dok A, fol 3, bin-numru wara l-ieħor tar-reġistru numru

33 - u li minn dan iż-żwieġ huma kellhom żewġ ulied, it-tnejn maġorenni u llum il-gurnata t-tnejn jahdmu.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Nicholas Vella datat 10 ta' Ottubru tas-sena 2002 - dok B fol 4. Għalhekk jirriżulta illi l-partijiet ilhom separati għal iktar zmien minn dak rikjest mill-Ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti obiter tiddikjara li siccome l-Qorti ma laqghetx it-talba tal-intimata ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja u ordnat l-isfilz tar-risposta tardiva tal-istess intimata, ma tezistix in atti, eccezzjoni dwar il-manteniment, kif in effett, ma tezisti ebda talba tar-rikorrenti sabiex il-Qorti tiddikjara ruhha dwar manteniment.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu jissodifa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet liema zwieg igib ic-ceritfikat Nru 33/1995 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**